# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 324/2017/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Charlot Camilleri**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Charlot Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 39582(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmula minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, imma li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċioè talli bejn is-7 ta' Mejju 2017 u l-10 ta' Mejju 2017:

1. ikkommetta serq ta' flus ta' ħames mitt Euro (€500) mill-ħanut Love Pizza li jinsab fi Triq ir-Riħan, Fgura għad-dannu ta'

Redent Zammit, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna, u dan bi ksur ta' Artikoli 18, 261, 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi wettaq ir-reat *de quo* waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija nhar it-23 ta' Settembru 2015 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D..

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, titratta lill-imputat bħala li sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 261 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 28B, 49, 50, 261(c)(d), 267, 268(d) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u filwaqt li fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva kkundannatu l-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni ordnat li s-sentenza tat-23 ta' Settembru 2015 tibda sseħħ għal perjodu ta' sentejn (2) priġunerija biex b'hekk l-imputat ġie kkundannat komplessivament sentejn u tmien xhur priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar jew tibdel ai termini tal-Artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru 2021 fil-konfront tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2023, lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjara li ma kellu xejn aktar xi jżid mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat illi minkejja li l-konsulent legali tal-appellant ġie mogħti żmien sabiex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet (u dana apparti dak li ngħad minnu quddiem din il-Qorti diversament preseduta), huwa għażel li ma jressaq l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Ottubru 2021. Fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob li din il-Qorti tilliberah minn kull ħtija u piena.

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma relattivament sempliċi b'dana illi fil-11 ta' Ġunju 2017 il-*parte civile* Redent Zammit irrapporta li l-eks lavrant tiegħu (ossia l-appellant) fil-ħanut tiegħu *Love Pizza* ġewwa l-Fgura kien qed jitfi is-*CCTV* sabiex jieħu l-flus minn ġewwa l-*cash reġister*. Il-*parte civile* rrapporta ukoll li l-appellant kien wiegħdu li kien ser iroddlu l-flus lura iżda qatt ma wasal u kien għalhekk li għamel ir-rapport.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant huwa maqsum fi tnejn:

- L-appellant jargumenta li wieħed ma għandux jibqa' marbut mat-teorija u l-insenjament tal-Carrara fir-rigward tal-*contrectatio* u li wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni dak li qal Manzini u ċioè li jseħħ is-serq meta l-oġġett jinħareġ mill-isfera tal-pussess ta' persuna u tidħol f'ta' ieħor.

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

- L-appellant jilmenta wkoll dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal Artikolu 142 tal-*Criminal Justice Act* fl-Ingilterra u jagħmel referenza kemm għal istitut tal-*probation* inkluż f'Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm għal Artikoli f'Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta marbuta mas-sentenza sospiża kif ukoll dawk kontententi f'Kapitolu 516 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-ġustizzja riparatriċi li kollha jippuntaw lejn il-kunċett ta' riabilitazzjoni ta' min wettaq id-delitt.

Illi fir-rigward tal-argument imqajjem mill-appellant dwar jekk il-Qrati tagħna jimxux mal-prinċipji enunċati minn Carrara jew Manzini, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Steve Spiteri et** (Numru 196/2009) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Illi għar-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellanti, dan jimpernja fuq il-*vexata questio* dwar meta effettivament jissussisti l-element tal-*contrecatio* li hu ingredjent essenzjali tar-reat ta' serq, kif defenit mill-ġuristi Taljani u kif segwit u applikat mill-ġurisprudenza nostrana.
>
> Kif jgħid il-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law – Part II) :-
>
>> *"This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt. But the precise notion of 'contrectatio' is a matter of series controversy among jurists. Three main theories have been propounded."*
>
> Umbagħad il-**Mamo** jgħaddi in rassenja dawn it-tliet teoriji u ċioè dik li tekwipara l-*contrectatio* maċ-ċaqlieq tal-oġġett mill-post li jkun fih: *"amotio"*; dik li tgħid li l-*contrectatio* tikkonsisti fl-*"apprehensio"* jew *"amotio de loco*

*ad locum"* u ċioè li l-oġġett irid ikun jinħareġ mill-isfera tal-pussess jew kontroll tal-possessur leġittimu u t-tielet teorija li ttenni li l-*contrectatio* issir biss meta l-ħalliel jieħu r-*re furtiva* fil-post fejn ikollu l-ħsieb li jeħodha *"loco quo destinaverat"*. Jikkonkludi li l-ewwel teorija li avalla l-CARRARA ġiet ġeneralment segwita u applikata mill-Qrati tagħna għalkemm din hi aktar severa u stretta u li din kienet it-teorija abbraċċjata fil-Kodiċi Penali Naplitan li fuqu l-Kodiċi Kriminali Malti kien tfassal. Jgħid ukoll li din hija t-teorija li kienet applikata fil-*Common Law* Ingliża u li ġiet mogħtija għarfien statutorju fil-*Larceny Act* Ingliż."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Grech** (Numru 78/2008) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "L-appellant inoltre ssottometta li ma kienx hemm l-element tal-*"contrectatio"*. Iżda f'tema ta' *contrectatio* il-Qrati tagħna jsegwu it-teorija tal-**CARRARA** li jkun hemm dan l-element malli l-oġġett ikun ittieħed mill-post fejn ikun tħalla minn sidu u konsegwentement mhux meħtieġ li l-oġġett ikun tneħħa mill-kamra jew mid-dar tas-sid. (Ara **Prof. Sir A. Mamo** – *Notes on Criminal Law*, Part II, (1958 edit.) pp. 292 - 294) u f'dan il-każ dan żgur jirriżulta għax l-oġġetti misruqa kienu laħqu nħarġu mill-*cold room* u spiċċaw fil-*parking area* tas-*supermarket*."

Illi tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, li din il-Qorti tagħmlu tagħha, mhux korrett l-appellant meta jgħid li in tema ta' serq f'Malta japplika l-prinċipju ta' teħid tal-oġġett mill-isfera tal-pussess tal-vittma u għaldaqstant l-argument tal-appellant f'dan is-sens qed ikun miċħud.

Illi l-analoġija li għamlet l-Ewwel Qorti bejn il-liġi Maltija u dik Ingliża b'mod partikolari Artikolu 142 tal-*Criminal Justice Act 2003* fl-Ingilterra ma għandu l-ebda konsegwenza. Fl-aħħar mill-aħħar

rigward l-argument imressaq mill-appellant f'dan ir-rigward, din il-Qorti tinnota li meta l-Ġudikant ikun qed jikkalibra l-piena li ser jeroga huwa jrid jibbilanċja tliet prinċipji u mhux biss l-element riformattiv. Fil-fatt il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino** (Numru 243/2019) fejn dwar il-prinċipju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "12. [...] Dan peress li l-ġustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:
>
> (a) Retributtiv;
> (b) Preventiv; u
> (ċ) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.
>
> 13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.
>
> 14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża' li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa' jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża' li teħel il-piena, persuna tiġi mġiegħla tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **<u>qabel</u>** ma twettaq l-att kriminuż.
>
> 15. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li

tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża' li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa' jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-liġi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biża' mill-piena minħabba li l-liġi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita' dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita' milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.

16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita' in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta' bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u b'hekk isegwi li l-argument tal-appellant fir-rigward tar-riferenza li l-Ewwel Qorti għamlet għal *Criminal Justice Act* fl-Ingilterra kif hawn fuq imsemmi qed ikun miċħud ukoll.

Għaldaqstant, l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> huwa maqsum fi tlieta:

- Fir-rigward tal-kwalifika tal-persuna, l-appellant jilmenta li ma ġiex ippruvat li hu kien impjegat ta' Redent Zammit. Huwa jsostni li kien obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova dan u ma jaqbilx mal-linja li la ma ġiex ikkontestat, allura ġie ppruvat.

- Dwar ir-*recordings* l-appellant jirreferi għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qalet li hija kienet sprovvista mis-sors tal-prova u li għalhekk il-prova ewlenija tal-Prosekuzzjoni ġiet nieqsa minħabba li ma tressqitx tixhed Chantelle Zammit sabiex tikkonferma li kienet hija li tellgħethom fuq il-*pen drive* li ġiet eżebita. Jisħaq li dan jassumi aktar importanza meta wieħed iqis li kienet il-prova intiża sabiex tindika li hu (l-appellant) kien dak li wettaq ir-reat. Iżid jgħid li marbut ma' dan hemm dak li l-Ewwel Qorti qalet li sabet is-CD vojt. Jisħaq li dan il-fatt materjali kellu jmur favur tiegħu u jilmenta li ma setgħetx tinstab ħtija mill-assjem tal-provi mressqa iżda kellu jkun hemm l-aqwa prova ċara.

- L-appellant jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tieħu in konsiderazzjoni s-sentenzi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jippruvaw ir-reċidiva u sabiex tinġieb fis-seħħ is-sentenza sospiża. Jargumenta li ma huwiex biżżejjed li wieħed jara jekk il-konnotati fuq is-sentenzi jaqblux iżda hemm bżonn ta' prova ġuramentata. Jgħid li huwa ma tax eżenzjoni milli titressaq prova tal-identita' tal-persuna li

nstabet ħatja u li għalhekk kien obbligu tal-Prosekuzzjoni li titressaq tali prova waqt li hu kellu d-dritt li jibqa' sieket. Jisħaq li l-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq tali prova għandu jkun favur tiegħu.

Illi fir-rigward tal-ewwel argument imressaq mill-appellant fit-tieni aggravju tiegħu, liema argument huwa li l-appellant jisħaq li ma ġiex ippruvat li huwa kien impjegat tal-*parte civile*, din il-Qorti filwaqt li tinnota li meta xehed il-*parte civile* Redent Zammit quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017 huwa xehed li l-appellant allura imputat kien jaħdem miegħu, tinnota wkoll li meta l-imsemmi Zammit ġie mitlub jixhed mid-difiża quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2021, huwa ġie mistoqsi jgħid jekk kienx tħallas a saldu mill-appellant allura imputat u huwa wieġeb fl-affermattiv u meta ġie mistoqsi wkoll jekk kienx jaħfer lill-appellant, huwa wieġeb fl-affermattiv ukoll. Fid-dawl ta' dan, l-appellant ma jistax jiġi fi stadju ta' appell u jgħid li s-serq in kwistjoni ma kienx kwalifikat bil-persuna! Għaldaqstant l-argument dwar il-kwalifika tal-persuna mhux qed ikun milqugħ.

Illi rigward it-tieni argument mressaq fit-tieni aggravju u ċioè dak marbut mar-*recordings*, din il-Qorti filwaqt li taqbel mal-Ewwel Qorti meta qieset li l-valur probatorju in kwistjoni naqas, hija ma taqbilx mal-appellant meta argumenta li ma setgħetx tinstab ħtija fih u dana peress li fl-aħħar mill-aħħar anke xhud wieħed jekk emmnut jikkostitwixxi prova. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għad-depożizzjoni mogħtija mill-*parte civile* quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 31 *et seq.*) u fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2021 (*a fol.* 116) fejn huwa jikkonferma l-fatti. Dan biex wieħed ma jsemmix l-istqarrija tal-appellant fejn huwa ammetta l-fatti addebitati lilu. Għaldaqstant anke l-argument relatat mar-*recording* hekk ikun miċħud ukoll.

Illi fir-rigward tal-argument marbut mar-reċidiva tal-appellant, din il-Qorti tinnota li quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni rressqet żewġ sentenzi u dana sabiex tipprova li l-appellant allura imputat huwa reċidiv. Dawn iż-żewġ sentenzi kienu waħda

mogħtija fis-16 ta' April 2012 (*a fol.* 23 *et seq.* u *a fol.* 63 *et seq.*) u oħra mogħtija fit-23 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 21 *et seq.* u *a fol.* 66 *et seq.*). Minn dawn iż-żewġ sentenzi jirriżulta li l-konnotati fihom huma identiċi għal dawk tal-appellant allura imputat f'dawn il-proċeduri. Apparti minn dan, għandu jingħad li l-Karta tal-Identita' tal-appellant allura imputat fuqhom hija identika wkoll għal dik li tirriżulta fuq iċ-ċertifikat tat-twelid (*a fol.* 2) li ġie eżebiet quddiem l-Ewwel Qorti. Għal kull buon fini jingħad li anke l-Karta tal-Identita' li tirriżulta fuq il-fedina penali (Dok. "X" – *a fol.* 167 *et seq.*) eżebita quddiem din il-Qorti kif preseduta fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023 huwa identiku għal dak tal-appellant f'dan il-każ (u dana apparti l-konnotati l-oħra li jidhru fuq l-istess fedina penali). B'hekk ma hemmx dubju li ż-żewġ sentenzi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti ngħataw fil-konfront tal-appellant allura imputat.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zammit** (Numru 627/2016) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Issa imbagħad dwar l-addebitu tar-reċidiva, jirriżulta illi fil-fatt fl-atti hemm esebiti żewġ sentenzi dwar kundanni preċedenti kontra l-appellanti li madanakollu kif ingħad ma jitkellmux dwar serq. Dan ifisser bl-istess mod illi l-appellanti qatt ma seta' jiġi addebitat bir-reċidiva a tenur ta' l-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. Fir-rigward tal-addebitu, kif ikkontemplat fl-Artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-appellanti jisħaq illi bil-fatt illi l-Prosekuzzjoni teżebixxi sentenza tal-Qorti fejn l-Uffiċjal Prosekutur f'dik l-istanza, jinġieb bħala xhud biex jikkonferma l-identita' tal-persuna akkużata, ma hijiex prova sodisfaċenti skont il-liġi billi trid issir il-prova tramite r-Reġistratur tal-Qorti illi dik is-sentenza għaddiet in ġudikat u li ma hemmx xi appell pendenti fuqha u dan ovvjament meta si tratta ta' sentenza deċiża in prim'istanza.

> *"Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn eżami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva."*[2]

Illi allura bil-fatt li tiġi esebieta s-sentenza tal-Qorti u ssir il-prova ta' l-identita' ir-reċidivita' tal-persuna akkużata hija ppruvata. Ma hux neċessarju kif jikkontendi l-appellanti illi issir il-prova li tali sentenza hija finali, iktar u iktar meta l-persuna akkużata stess ma tkunx qanqlet din id-difiża in prim'istanza u tħalli kollox għaddej qisu mhu xejn biex imbagħad tasal issa fi stadju ta' appell u tressaq lanjanza f'dan ir-rigward. Illi meta l-Prosekuzzjoni tressaq il-provi tagħha, spetta lid-difiża mbagħad biex tattakka dik il-prova permezz jew ta' provi oħra jew anke bil-kontro-eżami tax-xhud. Ma jidhirx illi l-appellanti wara li ġew esebieti s-sentenzi u anke xehed kemm l-Uffiċjal Prosekutur kif ukoll l-Prosekutur ta' dawk il-każijiet għamel il-mistoqsijiet in kontro-eżami li fil-fehma tiegħu setgħu ixejjnu il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' sentenza uffiċjali tal-Qorti. Illi di piu' għalkemm il-fedina penali waħedha kif ingħad ma tistax tikkostitwixxi prova sodisfaċenti, madanakollu l-Qorti tista' tagħmel il-verifiki neċessarji meta tiġi esebieta sentenza tal-Qorti illi

[2] "**Il-Pulizija vs. Paul Abela** deċiża App. Krim. 10/09/2004."

> din hija waħda finali billi tara jekk l-istess tinsabx riflessa fil-fedina penali aġġornata ta' l-persuna akkużata li f'dan il-każ il-Qorti kellha il-privileġġ li jkollha saħansitra tlieta minnhom bl-aħħar waħda aġġornata esebieta ftit qabel ma' l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza. F'dan il-każ din il-Qorti rat li ż-żewġ sentenzi esebiti li jissodisfaw l-elementi kollha dwar l-identita' ta' l-appellanti huma riflessi fil-fedina penali aġġornata ta' l-appellanti minn fejn joħroġ illi ma kienx hemm appell fir-rigward. Kwindi l-appellanti ma għandux raġun f'dan l-aggravju u l-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tas-sentenzi esebiti bil-konnotati jaqblu ma' dawk ta' l-appellanti u bil-kundanni riflessi fil-fedina penali tikkostitwixxi prova sħiħa u sodisfaċenti skont il-liġi."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat u tapplikah *mutatis mutandis* fir-rigward tal-argument tal-appellant rigward ir-reċidiva (inkluż dik il-parti fejn fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ssir riferenza għal fedina penali tal-appellanti f'dak il-każ u dana peress li anke fl-appell odjern iż-żewġ sentenzi li ġew eżebiti quddiem l-Ewwel Qorti u li huma l-mertu dwar ir-reċidiva tal-appellant jirriżultaw fil-fedina penali tiegħu li ġiet eżebita quddiem din il-Qorti kif preseduta ftit tax-xhur ilu). Għal din ir-raġuni, l-argument dwar ir-reċidiva hekk kif imressaq mill-appellant fit-tieni aggravju tiegħu qed ikun miċħud ukoll.

B'hekk isegwi li t-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud fit-totalita' tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jargumenta li l-fatt waħdu li huwa ħallas lill-*parte civile* s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) mhijiex prova sodisfaċenti li huwa wettaq ir-reat li kien mixli bih.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li dak imsemmi fih huwa xi ftit jew wisq merut minħabba li fl-24 ta' Novembru 2022

waqt is-sottomissjonijiet finali bil-fomm quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-konsulent legali tal-appellant qal hekk (*a fol.* 157): *"Issa li kieku baqa' rediġenti, ma ħallasx u ma aċċettax ir-responsabilita' tiegħu [tal-appellant] wieħed jifhem, imma jekk għamilha u ma kellux każijiet oħrajn u baqa' tajjeb, ma naħsibx li għandu jispiċċa l-ħabs".* Ma' dan, din il-Qorti żżid tgħid li ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti sejset is-sentenza tagħha fuq il-fatt li l-appellant ħallas lura l-flus li ħa. Anzi mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħadet id-deċiżjoni tagħha fuq l-assjem tal-provi. Għalhekk anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u jgħid li l-*parte civile* rċieva dak li kien qed jippretendi u ddikjara li kien qed jaħfirlu (lill-appellant). Jgħid li permezz taż-żewġ sentenzi ppreżentati skattat żieda fil-piena u ġiet fis-seħħ is-sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema kien wieħed sospiż. Jilmenta li dan huwa punt wieħed li ngħata effett doppju. Jispjega li huwa qed jipprova jirriabilita ruħu u li xiehda ta' dan huwa l-fatt li mis-sena 2017 huwa ma wettaqx reat ieħor. B'hekk jitlob temperament fil-piena.

Illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi mis-sentenza appellata filwaqt li jirriżulta li l-Ewwel Qorti daħlet fis-seħħ is-sentenza ta' sentejn priġunerija t-terminu ta' liema kien sospiż għal erba' (4) snin, jirriżulta wkoll li fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant allura imputat tmien (8) xhur

priġunerija biex b'hekk hu ġie komplessivament ikkundannat sentejn u tmien xhur priġunerija.

Illi minkejja li jirriżulta li l-appellant ħallas lill-*parte civile* u li l-*parte civile* ħafer lill-appellant ta' dak li għamillu pero' fl-istess waqt dan il-ħlas u din il-maħfra ma tneħħiex ir-reat li l-appellant irriżulta li wettaq. Kieku l-appellant kien akkużat biss b'serq (mingħajr reċidiva u mingħajr xejn aktar) din il-Qorti setgħet tikkunsidra li tagħti piena alternattiva għal dik ta' priġunerija pero' din il-Qorti hija rinfaċċjata b'imputazzjonijiet oħra.

Illi dwar is-sentenza ta' sentejn priġunerija t-terminu ta' liema kien ġie sospiż għal erba' (4) snin ma tantx hemm wisq x'jingħad u dan peress li in segwitu tal-fatt li din il-Qorti ċaħdet l-aggravji l-oħra tal-appellant kif ingħad aktar 'il fuq (b'mod partikolari l-argument dwar ir-reċidiva hekk kif imsemmi fit-tieni aggravju) u tenut kont tal-fatt li s-sentenza tat-23 ta' Settembru 2015 fejn it-terminu ta' priġunerija kien ġie sospiż kienet għadha fis-seħħ meta l-appellant allura imputat wettaq ir-reat ta' serq li huwa ġie akkużat bih f'dawn il-proċeduri, b'hekk ifisser li l-Ewwel Qorti għamlet sew li ġabet fis-seħħ is-sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema kien ġie sospiż. Fir-rigward tat-tmien (8) xhur priġunerija, din il-Qorti tinnota li din il-piena hija fil-parametri tal-liġi u hija ħafna aktar lejn il-minimum milli lejn il-massimu u dan meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellant allura imputat ġie kkunsidrat li huwa reċidiv.

Illi din il-Qorti żżid tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekkja l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Għaldaqstant anke l-aggravju in eżami u l-argumenti mressqa fih qed ikunu miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Charlot Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**